# IL-ĠIŻWITA INDRÌ SCHEMBRI

## POETA MALTI

Il-Patri Ġiżwita Andrea Schembri kien wieħed minn dawk li ħabbew l-Ilsien Malti; kittieb mhux ħażin u poeta ħlejju ta' Inni mqaddsa, ix-xogħol tiegħu m'hux magħruf kemm imissu jkun fil-letteratura tagħna u l-lum ismu għoddu ntesa minn kullħadd.

Patri Schembri twieled Ħal-Luqa fl-1 ta' Settembru 1805 u minn ċkunitu ta ruħu għall-knisja; studja fis-seminarju tal-Imdina u hemm ħa l-quddiesa. Bħala żagħżugħ qassis mimli ħeġġa, minn kmieni ntafa' bil-ħrara ta' qalbu kollha biex jagħmel il-ġid lil għajru u biex jgħallem lill-poplu; il-ħajja tiegħu kienet ħajja ta' ħidma mixgħula bil-ħniena, msed-dqa bit-tjieba u mogħnija bil-għerf.

Ftit wara li sar Qassis, fl-1837, din il-Gżira ċċappset bil-korla, marda qalila li qerdet ħafna nies u damet sejra ħames xhur, minn Ġunju sa Ottubru; ma' tul dak iż-żmien Dun Andrì ħareġ ta' raġel tassew, hu ħadem bla mistrieħ qalb in-nies tar-rħula biex ifarraġ lill-imnikktin u jdur bil-morda, tista' tgħid ġera ma' Malta kollha u l-ħidma tiegħu stħoqqilha kull tifħir.

* * *

Imma bidla kbira f'ħajjet Patri Schembri ġrat fl-1839, meta wasal f'din il-Gżira l-Patri Massimiljanu Ryllo, Ġiżwita Pollakk ta' għerf kbir, li bil-priedki tiegħu kien qajjem ħafna għaj-dut; f'dak iż-żmien Patri Ryllo kien jissemma wisq u l-kelma tiegħu kellha setgħa tal-għaġeb fuq min jismagħha, hu kien iħobb igħid il-ħaġa kif iħossha u fuq hekk ġie li ma qabelx mal-Gvern Franċis kif ukoll mal-Gvern Ingliż. Il priedki li Patri Ryllo kien jagħmel fil-knisja tal-Ġiżwiti u f'dik ta' San Ġakbu għadhom jissemmew sal-lum.

Waqt li kien qiegħed jisma' waħda minn dawk il-priedki, Dun Indrì ħass bħal ġibda lejn l-Ordni ta' Sant'Injazju u traku talab biex jidħol mal-Ġiżwiti; imbagħad f'Awissu ta' dik is-sena hu sab ruħu Ruma fil-kulleġġ tal-Ordni fejn beda n-novizzjat.

Hekk Dun Indrì sar Patri Ġiżwita u milli jidher ma kienx lura għax meta fl-1845, il-Patrijiet Ġiżwiti fetħu Kulleġġ tat-Tagħlim fil-Palazz ta' Parisio*, l-Imdina, hu kien magħżul wieħed minn ta' l-ewwel biex jgħallem f'dak il-kulleġġ.

Patri Schembri dam sal-1852 igħallem b'ħorija kbira f'dak il-kulleġġ tal-Imdina, minn fejn ħarġu ħafna żgħażagħ li mbagħad għaddew 'il quddiem u għolew fl-aqwa postijiet tal-Gżira tagħna. Imma Patri Schembri ma qagħadx għat-tagħlim biss; il-ħrara li biha kien mixgħul biex isamma' l-kelma t'Alla u l-imħabba kbira li kellu għan-nies tar-rħula li fosthom hu kien twieled u trabba, ġagħluh ta' sikwit imur isamma' leħnu minn fuq il-pulpti tal-knejjes tagħhom.

Patri Schembri kien oratur tajjeb, kellu kelma sħiħa, mimlija bil-ħrara li tolqot il-qalb u togħġob lill-widna, beda jissemma' bħala predikatur mill-aħjar u f'qasir żmien dar l-irħula kollha, u kull fejn imur darba, jerġgħu jistednuh, għax in-nies aktar ma jisimgħuh aktar jinġibdu lejh u aktar jixtiequ jerġgħu jisimgħu l-kelma tiegħu. Imbagħad ġie msejjaħ l-Arġiel biex isamma' l-kelma tiegħu lill-Maltin ta' hemm, u fosthom Patri Indrì dam żmien twil.

* * *

Dik il-ħabta x-xtut tal-Afrika ta' Fuq kienu nfetħu għall-Ewropej. Wara li l-Franċiżi daħlu f'dawk l-artijiet kbar, bosta minn niesna bdew imorru jfittxu xortihom hemm; ħafna minnhom għaddew 'il quddiem, fetħu negozji kbar u stagħnew; dan ħajjar oħrajn imorru l-Afrika biex ifittxu x-xogħol u qligħ, u f'qasir żmien għadd kbir ta' Maltin sabu ruħhom igħixu bil-familji tagħhom fl-Afrika, imma qajla kellhom min jieħu ħsieb ta' ruħhom.

Dan ħajjar il-Patri Schembri imur fosthom u dawk il-Maltin ta' hemm laqgħuh bi ħrara kbira u ħabbewh b'qalbhom kollha. Hu dam żmien twil iħabrek u jaħdem f'dawk l-artijiet bla qies tal-Afrika ta' Fuq, jiġri min-naħa għal oħra kull fejn jisma' li kien hemm il-Maltin, iżurhom f'darhom, jaqbeż għalihom f'kull ma jeħtieġu u jmexxihom għal ġid.

Aktarx dik il-ħabta Patri Schembri ntebaħ kemm jiswa l-Ilsien Malti biex iżomm il-Maltin kollha magħqudin flimkien

---

* Il-lum "Mifsud House" fejn hemm il-Kulleġġ tas-Sorijiet Dorotej.

u deherlu li ma hemm xejn aħjar biex jilħaq l-eluf ta' Maltin imxerrdin fil-bogħod, milli wieħed jinqeda b'kitba bil-Malti, għalhekk hu tħajjar jikteb b'dan l-ilsien xi Innijiet u Poeżiji li l-Maltin setgħu jinqdew bihom fil-knejjes tagħhom u b'hekk jitħeġġu iżjed bl-imħabba lejn Ommna l-Knisja Mqaddsa. Dawn l-Inni u Poeżijiet imbagħad hu ġabarhom fi ktieb wieħed li ħareġ fl-1864 taħt l-isem ta' "*Ġemgħa ta' Kliem Imqaddes li jingħad mill-Maltin ta' l-Alġier*".

Il-lum għandna mnejn ma narawhiex ħaġa kbira dik li Patri Schembri tħajjar jikteb poeżiji bil-Malti, iżda meta nġibu quddiem għajnejna x'kienu l-kundizzjonijiet dak iż-żmien u kif, dik il-ħabta, kienu jaħsbuha l-għorrief dwar il-Malti għandna naraw kemm Patri Indrì kien iħobb l-ilsien tagħna.

Aħna nafu li mqar sal-lum għad baqa' nies li jfixklu l-ilsien tagħna u hawn saħansitra min jidhirlu li l-Malti ma hux ta' min iqisu. Dawn il-fehmiet boloh tmenin sena ilu kienu jaħkmu fuq l-imħuħ wisq u wisq iżjed mil-lum. Dik il-ħabta l-kitba tal-Malti mhux biss kienet għadha ma ssawretx, iżda l-għorrief u n-nies tal-pinna kienu jaħsbu li ma kienx hemm għalfejn wieħed joqgħod jikteb bil-Malti u ħafna minnhom kellhom ukoll il-fehma belha li kienu jnaqqsu mill-ġieh tagħhom jekk jiktbu b'ilsien tagħna; l-awturi Maltin kienu jingħaddu fuq is-swaba' tal-idejn u Patri Schembri wera ħeġġa kbira u rieda qawwija biex mar kontra l-fehma ta' żmienu u għaleb ix-xejra kontra l-Malti.

Patri Schembri minn dak iż-żmien imbiegħed għaraf il-ħtieġa tal-Malti għall-poplu Malti u b'hekk hu wera li fil-fehma tiegħu kien bosta snin 'il quddiem minn ħafna minn sħabu li għexu miegħu. Il-lum, wara ħafna taħbit u taħwid qegħdin naraw kemm jiswa l-ilsien Malti biex il-kotra tiftaħ għajnejha u titgħallem u tgħaddi 'l quddiem u timxi maż-żmenijiet tagħna, u din il-ħtieġa ta' kitba Maltija li aħna qegħdin inħossu l-lum Patri Indrì ġarrabha f'dak iż-żmien ilu meta, nistgħu ngħidu, ftit wisq kienu ntebħu x'irodd l-ilsien tagħna.

Patri Schembri ma ħalliex kitba kbira ta' siwi letterarju għoli u aktarx li l-"*Ġemgħa ta' Kliem Imqaddes*" tiegħu mhux biżżejjed biex tgħollilu ismu fost l-aqwa poeti ta' Malta, iżda dan ma jfissirx li aħna ma għandniex inżommuh bħala wieħed mill-bennejja tal-Malti u nagħtuh il-ġieh u l-foħrija li

jisthoqqulu talli ħabb ilsien art twelidu. Bniedem bħalu, li għadda ħajtu fost ħidma ta' bla heda u li kellu moħħu dejjem mimli biex ikattar il-għerf tiegħu, ried ikun tas-sew iħobb il-Malti biex sab żmien jikteb b'dan l-ilsien; hu ma jistax jingħad fost il-kittieba l-kbar tal-Malti iżda ma għandux jitħalla barra meta jissemmew dawk li ħadmu għar-rebħa tal-Malti, għax f'kull battalja r-rebħa ma tiġix mill-Ġenerali biss, iżda kull suldat ikollu sehem fiha.

Madanakollu il-"*Ġemgħa ta' Kliem Imqaddes*" ta' Patri Schembri ma hix ta' min iwarrabha bħala ħaġa ta' xejn; l-ewwelnett dik il-"*Ġemgħa*" hija wirja tan-nar tal-imħabba li bih qalb l-awtur kienet mixgħula lejn Alla l-Imbierek, imbagħad fiha n-nfisha tiġbor siwi li jsarraf mhux ftit bħala xogħol letterarju.

* * *

Is-sengħa ta' Patri Schembri ma fihiex tirqim żejjed, ma fihiex tlellix li jgħammex, iżda fiha ħaġa li ssebbaħha u tgħolliha: fiha bħal nifs ta' ħrara u ta' ħeġġa li jagħtu dawl u ħajja 'l dawk il-versi maħruġin mill-qalb.

Il-"*Ġemgħa ta' Kliem Imqaddes*" hija ġabra ta' Innijiet u ta' talb imqabbel, il-poeżija li fiha ma togħliex hekk 'il fuq u tintilef f'xejra ta' qawwet id-dehen li jgħaġġeb l-imħuħ, iżda dik il-poeżija ta' Schembri fiha dawl u ħlewwa li jserrħu l-qalb u jfarrġu r-ruħ ta' min jaqra. Patri Schembri ma tjassarx wara l-irqaqat tas-sengħa u lanqas intilef fl-irqim tal-versi, iżda kiteb dak li kien iħoss; il-poeżija li kiteb ħarġet bi ħrara kbira mill-qalb tiegħu u tfisser it-tqanqiliet ta' qalbu, dik il-qalb li hu kellu mfawra bl-imħabba mqaddsa. F'kull kelma u ma' kull vers tinħass il-ħerqa li Schembri, bħala nisrani u bħala qassis, kellu biex ifaħħar 'l Alla u lil Madonna. Il-"*Ġemgħa ta' Kliem Imqaddes*" ittaffi xenqet ir-ruħ nisranija u tiswa biex tfisser bi kliem ħelu kull tqanqila li tħoss il-qalb tagħna biex tfaħħar u biex tbierek lil Ġesù u lil Marija. Fiha dik il-ġemgħa tiġbor l-aktar talb għażiż u meħtieġ għan-nisrani.

Fuq kollox ikollna nistqarru li minn xi daqqiet il-poeżija ta' Schembri turi ħeġġa u qawwa li jsaħħru u li jixhdu l-lehma ta' dehen il-poeta. Aqraw din it-tifħira lil Marija:

"Jekk ikolli dik ix-xorti
Illi niġi l-Ġenna miegħek
Fuq il-bieb jiena rrid nikteb
Oh Marija, l-isem tiegħek.

Irrid nikteb ġewwa l-Ġenna,
Irrid nikteb mas-smewwiet
L-isem tiegħek u taħt l-isem,
Irrid nikteb daw 'l-kelmiet..."

Il-versi fil-Poeżija ta' Schembri jimxu u jintisġu wieħed wara l-ieħor b'ħeffa kbira u bla tqanżiħ, fuq kollox hu kien jaf jinqeda bi kliem safi, li jifhmu kullħadd u kellu ħabta kbira biex ilaqqa' r-rimi; xi drabi l-versi jiġru hekk b'ħeffa kbira li donnok ma tlaħħaqx mar-ritmu tagħhom bħal f'din it-tifħira lil San Pawl:

"San Pawl Missierna,
San Pawl ismagħna
Idħol għalina
Fil-bżonn minn tagħna

Fil-Gżira tagħna
Int, o San Pawl,
Tal-Fidi Mqaddsa
Ġibtilna d-dawl."

Xi strofi huma parafrasi ta' test Latin u bla tiġbid, irnexxewlu sbieħ ħafna, bħal din:

*Monstra te esse Matrem* = "Dejjem u f'kollox
Uri l'Int ommna,
Ilkoll b'uliedek
Marija, żommna."

Fil-waqt li strofi oħra jmissu l-qlub u jbikku; wieħed ma jistax ma jħossx meta jaqra:

"Mas-salib Ġesù jitgħannaq,
Bis-salib Ġesù jitgħabba,
Fis-salib Ġesù jurina
Ħniena kbira, kbira mħabba.

Is-salib huma dnubietna
Li Ġesù jitgħabba bihom;
Biex imut, u bil-mewt tiegħu
Imewwithom u jneħħihom."

Schembri kien iħobb itenni l-istess kelma donnu biex jislet qawwa u jżid is-saħħa fuq il-ħsieb ewlieni.

Hemm versi oħrajn, qishom leħħ mid-dawl tal-poeżija u jagħtu xhieda li Schembri ma kienx nieqes minn xrar tannar li jħeġġeġ f'qalb il-poeti; dawn il-versi li ġejjin ma jagħmlux għajb lil ebda poeta:

"Kif fuq l-art imgħolli s-sema
Hekk fis-sema aktar Marija,
Fost kemm Anġli u Serafini
Ġewwa s-saltna hija mgħollija.

Hija x-xemx il-mant minn tagħha
Huma l-kwiekeb il-kuruna
Għandha l-qamar taħt riġlejha
Fuq kullħadd hija l-padruna".

Patri Schembri kellu sengħa biex jikteb versi ħfief u ħelwin, ta' armonija li tibqa' ddoqq u tidwi fil-widna, u l-għanja tiegħu fiha kisra li ġġib l-hena u tħannen lil min jisimagħha; l-Innu tiegħu "*Benniena ta' Ġesù Bambin*" fih ritmu mexxej u milqut kemm jista' jkun u għadu sal-lum jitkanta bi ħlewwa kbira mit-tfal tagħna; ftit huma d-dehriet li jfarrġu l-qalb daqs meta wieħed jara ġliba tfal, b'wiċċhom jiddi bil-hena ta' ruħhom safja, miġburin ma' dwar il-presepju f'lejlet il-Milied ikantaw:

"Ninni, la tibkix iżjed,
Ninni, Ġesù Bambin.
Ħallih għalina l-biki
Għax aħna l-midinbin."

Il-"*Ġemgħa ta' Kliem Imqaddes*" inxexxiet, ingħoġbot u swiet ħafna biex tqajjem ħrara u ħeġġa fi qlub l-insara Maltin ta' barra u ta' din il-Gżira wkoll; hekk li fl-1906 ħarġet it-tieni edizzjoni tagħha; imbagħad fl-1910 dik il-"Ġemgħa" kienet stampata għat-tielet darba. Xi poeżijiet ta' Schembri dehru wkoll fil-"*Kotba tal-Mogħdija taż-Żmien*" tal-1909.

Dawk l-inni u kant tal-*Ġemgħa* baqgħu dejjem iħeġġu l-qlub u għalkemm l-isem ta' Patri Schembri qiegħed kull ma jmur dejjem jintesa, il-poplu baqa' jħobb jaqra x-xogħol tiegħu u sal-lum għadhom joħorġu kotba tal-knisja li fihom poeżiji meħudin mill-"*Ġemgħa ta' Kliem Imqaddes*" bla ma jissemma l-awtur tagħhom.

Patri Schembri jista' jkun imsieħeb ma' l-erba' qassisin li kienu minn ta' l-ewwel li għenu biex il-Malti jiġi 'l quddiem għax dehrilhom li b'riħet il-kelma Maltija kienu jistgħu aktar jilħqu l-kotra. Dun Dovik Mifsud Tommasi, Dun Alwiġ Galea, il-Ġiżwita Manwel Magri, il-Kappillan Mabbli Sisner bdew jiktbu bil-Malti fl-aħħar żmien ta' Patri Schembri jew ftit wara mewtu, imma billi huma kitbu wisq iżjed minnu kif ukoll billi għaddew għomorhom f'din il-Gżira, huma aktar magħrufin fost il-kittieba tal-Malti.

* * *

Patri Indrì Schembri għalaq għajnejh fis-26 ta' Settembru 1872. Il-ħajja tiegħu kienet ħajja ta' xogħol fl-qasam tal-Mulej, mhennija mill-qima tal-ħbieb u mitmuma fost il-foħrija ta' kull min kien jafu. L-aħjar snin ta' ħajtu Patri Schembri għaddiehom fl-Arġiel u fl-artijiet l-oħra tal-Afrika ta' Fuq fejn għamel ġid bla tarf b'dik il-kelma tiegħu mixgħula bl-imħabba u mimlija ħrara.

Aħna tkellimna fuq il-poeżija ta' Patri Schembri iżda għandna niftakru li aktar minn poeta hu kien oratur; f'ilsienu kellu qawwa li ssaħħar u tiġbed in-nies għal warajh; il-Maltin tal-Afrika kienu jaħilfu bih, kollha kienu jħossu ġibda lejh joqogħdu għalli jgħidilhom hu u dlonk jagħtuh qalbhom. Isimgħu kemm kienet tiswa l-kelma tiegħu: Il-Kappillan ta' belt kellu bżonn *pissidi* ġdida; sejjaħ lil Patri Schembri biex jippridkalu l-eserċizi lill-Maltin ta' hemm; wara l-eserċizi l-Kappillan ġagħlu jieħu r-ritratt, għamel ħafna minnhom u biegħhom sa bi tletin frank il-wieħed u bil-flus li daħħal sata' jixtri l-*pissidi*.

* * *

Il-ħsieb li qanqalna biex niktbu dawn il-kelmtejn fuq Patri Schembri ma kienx li nfaħħruh daqs kemm li nfakkruh, għax ikun għajb għalina jekk ismu jibqa' biex jintesa fost il-kittieba ta' l-ilsien tagħna; tassew li x-xogħol tiegħu huwa żgħir fid-daqs, madankollu dak ix-xogħol fih siwi u benna u ġmiel ta' min ifaħħarhom u għalhekk jistħoqqlu bil-ħaqq kollu daqsxejn ta' rokna fil-letteratura Maltija. *

Ġużè Galea.

* Nixtieq niżżi ħajr lil Patri Ġ. Delia, Rettur tal-Kulleġġ "San Luigi" ta' Birkirkara, u lis-sur Ġużè Gatt, tal-għajnuna li tawni biex ġbart xi tagħrif fuq il-ħajja ta' P. I. Schembri.